MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2514/2000/1

**Marica Mizzi**

**vs**

**Mario Scicluna**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-sittax (16) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993), f’Malta, gie ccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti (Dok “A”), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att bin-numru ta’ Iskrizzjoni ta’ tliet mija u disgha u tmenin ta’ dik is-sena (398/93);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet baqghu improle;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi wkoll li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien soggett ghall-kundizzjoni futura;

Illi dana kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1993 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu dsatax (19) sub-incizi 1 (d) (f) u (g) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta);**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1993 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok "A");

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat iz-zewg noti tal-attrici, cjoe' dik datata 4 ta' Settembru 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess, u

dik tad-9 ta’ Ottubru 2001 fejn esebiet l-affidavit ta’ Rose Carter.

Rat il-verbali tal-20 ta’ Novembru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor Imhallef Raymond C. Pace; u tal-14 ta’ Mejju 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima halfet ir-rapport.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2002, fejn dakinhar il-kawza regghet thalliet ghas-sentenza ghall-lum 12 ta’ Dicembru 2002 peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat li minkejja li gie debitament notifkat bic-citazzjoni attrici, il-konvenut minflok ma pprezenta nota tal-eccezzjonijiet ipprezenta nota fid-9 ta’ April 2001 li permezz taghha huwa ddikjara li kien qed jaqbel mal-fatti kif iddikjarati fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni u ghadda biex ammetta t-talbiet attrici li z-zwieg iccelebrat bejniethom ghandu jigi ddikjarat null kif indikat fl-istess talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l**-attrici** ghazlet li tipprezenta l-affidavit kontenenti x-xhieda taghha bil-gurament bil-lingwa Ingliza. Hija tghid illi hija l-akbar fost tliet ahwa. Iltaqghet mal-konvenut fit-13 ta' Dicembru 1991 gewwa club f'Paceville. Dak iz-zmien hija kellha sbatax-il sena u kienet ghadha kemm bdiet tohrog waheda ma' hbiebha. Il-konvenut kellu erbgha u ghoxrin sena u kien l-ewwel *boyfriend* taghha regolari. Hija tghid

illi dak iz-zmien il-genituri taghha kienu dixxiplinati hafna maghha u kienu jinsistu illi hija tkun lura d-dar sad-9:30 ta' fil-ghaxija.

Illi madwar sitt xhur wara li kienu bdew johorgu flimkien, l-attrici tghid illi huma ddecidew li jizzewwgu. Din ma kenitx xi decizjoni mehuda bi-serjeta. Hija tiddeskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda bbazata fuq l-infatwazzjoni u llum tista’ tiddeskrivi l-gibda taghha lejn il-konvenut bhala *teenage crush*. Huma damu johorgu flimkien ghal sena u erba xhur biss u sussegwentement huma zzewgu. L-attrici tkompli tghid illi dan il-perijodu huma qattghu fid-divertiment u hrug mal-hbieb taghhom. Qatt ma ddiskutew il-futur taghhom flimkien, jew jekk riedux tfal miz-zwieg jew xi mpenji serja ohra li kienu ser jiehdu flimkien. Hija tghid li kienet thossha ssoffokata d-dar bl-indhil tal-genituri taghha u ghalhekk hasbet illi z-zwieg kien ser igibilha dik il-liberta` u ndipendenza illi ma kellhiex bhala xebba. Hija tghid illi f'dak iz-zmien hija ma rrealizzatx illi z-zwieg kien ukoll impenn serju ma' persuna ohra ghal hajja.

Illi rigward il-konvenut hija tghid illi ghalih z-zwieg ukoll ma kienx ifisser impenn serju. Huma kienu qeghdin jonfqu l-flus minghajr ma jahsbu ghal bzonnijiet taghhom tal-futur bhala familja. Hija tghid illi bhala tfajla ta' dsatax-il sena hija riedet biss tiddeverti u xejn aktar. Lanqas biss iddiskutew il-possibilta` li fil-futur ikollhom l-ulied u tghid illi qatt ma gietha f'rasha illi xi darba fil-futur huma setghu jkollhom it-tfal. Tghid illi il-konvenut kellu tfulija iebsa u ghalhekk qatt ma ddiskuta l-kwistjoni tat-tfal.

Illi ghaliha z-zwieg kien biss holma, konsistenti fil-libsa tat-tieg, ir-riceviment u qamar-il ghasel. Din kienet l-ewwel darba li kienet ser issiefer u ghalhekk kienet eccitata hafna. Hija tkompli tghid illi l-genituri taghha kienu tawha parir biex tirrimanda t-tieg, izda huma kienu ukoll ihobbu lill-konvenut u hasbu fl-istess hin illi binthom kienet ser tazzetta fil-hajja mizzewwga taghha. Ma kenux jafu kif kienu jahsbuha Mario u hi dwar il-hajja mizzewwga u b'liema ntenzjonijiet huma fil-fatt izzewwgu. Hija tixhed illi l-uniku affarijiet illi kienu ddiskutew kienu l-ivvjaggar u d-divertiment.

Illi gimgha wara li l-attrici ghalqet dsatax-il (19) sena, hija u l-konvenut izzewwgu. Hija tiftakar illi xi ftit gimghat qabel iz-zwieg hija kienet nervuza hafna u ma kenitx certa kenux qed jiehdu l-pass it-tajjeb. Izda hasbet illi kienet qed thossha b'dan il-mod minhabba l-preparamenti ghat-tieg u hasbet illi dawn il-hsibijiet kienu jitilqu hekk kif jizzewwgu. Hija tghid illi min-naha tieghu l-konvenut kien serrhilha rasha u kienu qablu illi jekk il-hajja mizzewwga ta' bejniethom ma kenitx tirnexxi huma kienu jiehdu hsieb biex jinfirdu minnufih u kull wiehed ikompli jghix il-hajja separata tieghu jew taghha. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ma kenux jemmnu fil-permanenza tal-unjoni taz-zwieg. Fil-fatt hija tghid illi meta waslu biex jisseparaw wara z-zwieg, huma ghamlu dan fi zmien tliet gimghat minghajr l-icken problema. Dan gara peress illi qabel iz-zwieg huma t-tnejn kienu qablu illi jekk iz-zwieg taghhom ma kienx jirnexxi, ma kellu ikun hemm l-ebda raguni l-ghala kellhom jibqghu jqattghu hajja nfelici flimkien u dana ghaliex kienu legalment mizzewwgin. L-attrici tghid illi huma kellhom din it-tip ta' konverzazzjoni fl-gherusija kemm-il darba u regghu tennew l-istess ftehim lejliet it-tieg. Huma kienu t-tnejn intenzjonati jidhlu ghal hajja mizzewwga b'din il-kundizzjoni.

Illi l-attrici tkompli tixhed illi wara z-zwieg huma siefru u marru ghal gimghatejn gewwa l-Ingilterra ghal qamar il-ghasel. Meta gew lura d-dar huma regghu marru lura ghal hajja normali taghhom u cjoe' hajja ta' xoghol u divertiment. Kienu jahdmu t-tnejn li huma u l-attrici tghid illi bdew jiltaqghu anqas.

Illi rigward id-dar matrimonjali, l-attrici tghid illi ghalkemm hija kienet inghatat bicca proprjeta` tal-familja biex jibnu fuqha d-dar taghhom, din id-dar fil-fatt baqghet qatt ma tlestiet u dana peress illi hadd minnhom ma kellu nteress biex ifittxu jispiccaw id-dar matrimonjali taghhom. Hija tghid illi baqghu jghixu ghand il-genituri taghha u ghalkemm it-tnejn li huma kellhom paga tajba izda hadd minnhom ma kien interessat biex jinvestihom f'din id-dar. L-attrici tixhed illi la hi u lanqas il-konvenut ma kienu

nteressati biex jibdew hajja flimkien wahedhom u meta sseparaw id-dar kienet ghadha ma tlestietx.

Illi l-attrici tghid illi r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra hazin wara sitt xhur taz-zwieg. Mill-bidunett kemm hi kif ukoll il-konvenut baqghu jghixu l-istess hajja li kienu jghixu qabel iz-zwieg. Huma baqghu jiltaqghu mal-klikka tal-hbieb rispettivi taghhom. Il-ġenituri taghha kienu jinkwetaw ghaliex irrealizzaw illi huma ma kellhom l-ebda ntenzjoni jassumu r-responsabbilitajiet tal-hajja mizzewwga. Huma kienu wrew lil binthom illi ma kenux qed japprovaw din it-tip ta' hajja u kienu jhegguha biex imorru joqghodu fid-dar taghhom. L-attrici tghid illi l-genituri taghha kienu religjuzi hafna u gieghluha tirrealizza illi kemm hi kif ukoll zewgha kellhom jibdew jimpenjaw rwiehom fil-hajja mizzewwga taghhom. F'dan il-mument hija bdiet thossha bhal maqbuda gewwa gagga u dana peress illi ma setghetx taghmel dak illi kienu qed jaghmlu zghazagh ta' l-eta` taghha. B'hekk irrealizzat illi ma kenitx lesta tissagrifika l-indipendenza taghha ghall-hajja taz-zwieg.

Illi l-attrici ghalhekk tghid illi wara ftit taz-zmien kemm hi kif ukoll il-konvenut irrealizzaw illi fil-fatt huma ma kenux jinhabbu u qatt ma kienu jinhabbu u li dak illi kienu jhossu lejn xulxin fil-bidu tar-relazzjoni taghhom ma kenitx imhabba izda hbiberija. Flimkien irrealizzaw illi kienu ghamlu zball kbir meta ddecidew li jizzewwgu u dana peress illi la hi u lanqas hu ma kellhom l-ebda ntenzjoni jerfghu r-responsabbilitajiet tal-hajja mizzewwga.

Illi meta zzewwgu, l-attrici tghid illi ommha kienet tqila b'huha z-zghir u meta bdew ighixu mal-genituri taghha wara z-zwieg huha kien ghadu tarbija. Hawnhekk hija tghid illi t-tarbija kienet idejjqu lill-konvenut u kien ighidilha illi ma kellu l-ebda ntenzjoni li ikollu t-tfal u li certament ma kienx ikun kapaci jiehu hsieb tarbija. Ghalhekk meta kienu jiddiskutu l-kwistjoni tat-tfal huma kienu dejjem jaghmlu dan b'mod negattiv, u l-konvenut kienet jishaq illi huwa ma riedx ikollu t-tfal.

Illi meta l-kontendenti ndunaw illi ma setghux ikomplu ighixu flimkien, iddecidew li jisseperaw. Iz-zwieg taghhom kellu hajja biss ta' sena u nofs, u l-attrici tghid illi fil-fatt kienu damu biex iffinalizzaw is-separazzjoni sal-1996 minhabba problemi li kellhom fil-familja. F'dan il-perijodu li wassal ghas-separazzjoni huma kienu diga bdew ighixu hajja separata u kienu jqisu lil xulxin bhala separati. Wara s-separazzjoni komplew ighixu hajja separata.

Illi l-attrici ressqet lil habiba taghha **Rose Carter** bhala xhud, li fl-affidavit taghha tikkonferma dak kollu illi xehdet l-attrici.  Ix-xhud tixhed u tghid illi hija saret habiba ma' l-attrici meta bdew jahdmu flimkien. Saret taf lill-konvenut meta mbaghad bdew jiffrekwentaw lil xulxin u anke hi flimkien ma' l-gharus taghha bdew jiffrekwentaw lil xulxin bhala koppji. Hija tghid illi minn dak li kienet tara, l-kontendenti bhala koppja kienu aktar mohhhom fid-divertiment. Tghid illi kienu ffissaw id-data tat-tieg ftit xhur biss wara li bdew johorgu flimkien u ghalhekk hasbet illi kienu ghagglu biex hadu din id-decizjoni. Ix-xhud tghid illi waqt l-gherusija l-attrici kienet anke tohrog wahedha ma' shabha.

Illi haga li laqtet lix-xhud kienet l-opinjoni ta' Marica kif ukoll ta' Mario illi bhala persuni moderni kienu lesti illi jinfirdu kemm-il darba kien jigri xi haga bejniethom. Dan hija tafu ghaliex Marica kienet tiddiskuti il-hsibijiet taghha maghha. Ix-xhud tkompli tghid illi l-attrici kienet thossha ssikkata id-dar mill-genituri taghha li kienu jikkontrollawlha hajjitha. Kienu stretti maghha fil-hin u kellha tirritorna d-dar sad-9:30 p.m.  L-attrici riedet tehles minn dan il-kontroll u mal-konvenut stenniet illi kien ser ikollha aktar liberta'.

Illi Rose Carter tkompli tghid illi l-attitudni tal-kontendenti lejn il-kwistjoni ta' l-ulied kienet wahda ndifferenti. It-tfal ma kenux priorita` ghal kontendenti u filwaqt illi x-xhud tghid illi l-attrici kienet dejjem issib xi skuza biex ma jkollhiex tfal, il-konvenut min-naha tieghu kien ighid car u tond illi huwa ma jridx tfal jekk ma jkunx hemm l-ambjent tad-dar komdu.

Illi fl-opinjoni tax-xhud il-hajja mizzewwga tal-kontendenti tfarrket meta huma draw ir-rutina tal-hajja mizzewwga u bdew jirrealizzaw x'kien ifisser iz-zwieg. Huma bdew johorgu ghal rashom u jghixu hajja separata u minn dak illi l-kontendenti stess kienu qalulha, li kieku ma kienx ghal genituri taghhom, kienu jinfirdu hafna qabel. Hija tghid illi huma kienu jikkunsidraw lil xulxin aktar bhala ahwa milli bhala mara u ragel mizzewga.

Illi l-attrici kienet tiftah qalbha hafna max-xhud li kienet habiba taghha u kienet tghidilha li kienet imdejqa hafna fil-hajja mizzewwga taghha ghaliex hekk kif spiccat l-infatwazzjoni bejniethom, huma birdu minn xulxin. Il-konvenut ma kienx qieghed juri nteress biex imorru ighixu fid-dar matrimonjali taghhom u l-attrici ammettiet li ma kienx hemm imhabba bejniethom. Fl-opinjoni ta' din ix-xhud ma kien hemm qatt vera mhabba bejn il-kontendenti izda biss attrazzjoni tal-mument, tant illi huma ma kenux lesti illi jaghmlu s-sagrificcji ghal xulxin jew li jibnu futur flimkien bhala koppja. Ma kenux ifaddlu u kienu jonfqu l-flus kollha taghhom bla razan fuq affarijiet materjali bhal ikliet barra, ilbies u divertiment. Kienu jghixu ghal gurnata.

Ill x-xhud tixhed u tghid illi minn dak li rat specjalment fl-atteggjament tal-konvenut u mill-konverzazzjonijiet li kellha ma' l-attrici, il-kontendenti dahlu ghall-hajja taz-zwieg bhala avventura u meta l-avventura spiccat, spicca z-zwieg taghhom.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2001, il-**konvenut Mario Scicluna** xehed in subizzjoni. Huwa xehed illi hu u l-attrici damu gharajjes madwar erbatax-il xahar. F'dan il-perijodu huma kienu johorgu kemm wahedhom kif ukoll mal-hbieb u qatt ma ddiskutew il-hajja futura taghhom bhala mizzewwgin u kienu jghixu ghal gurnata.

Illi l-konvenut stqarr illi huwa ma jemminx illi ghandu jkun hemm tfal bejn koppja jekk ma jkunx hemm relazzjoni tajba u b'hekk huwa ried illi jkollu l-ulied biss bil-patt illi bejnu u bejn l-attrici ikun hemm relazzjoni tajba. Huwa jghid ukoll illi qabel iz-zwieg huma kienu ddiskutew l-fatt illi

jekk iz-zwieg taghhom ma jirnexxiex, ma kienx hemm ghalfejn jintrabtu ghal hajjithom kollha. Ghalkemm huwa kien jaf illi z-zwieg huwa permanenti, pero` ghalih huwa ma kienx lest ighix f'relazzjoni nfelici ghal hajtu kollha. Dan id-diskors huwa kien qalu lill-attrici kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg u ighid illi l-attrici dehret li kienet qablet. L-iskop tal-konvenut kien li jghix ma' l-attrici bil-kundizzjoni illi jekk il-hajja ta' bejniethom tkun wahda infelici, kien ikun inutli li jibqghu jghixu flimkien.

Illi **l-konvenut** ighid illi hu u l-attrici damu ufficjalment flimkien ghal madwar tliet snin, izda l-inkwiet bejniethom beda madwar sena u nofs wara z-zwieg. Dam aktar ma' l-attrici ghaliex ma riedx johloq dispjacir fil-familja peress illi kien hemm kemm ommu kif ukoll iz-zija tieghu morda.

Illi l-konvenut ighid illi huma zzewgu aktar fuq bazi ta' hbiberija milli ta' mhabba u ghalhekk peress illi ma kienx hemm imhabba bejniethom, iz-zwieg ma setax jirnexxi peress illi huma ma kenux lesti jerfghu r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-hajja mizzewwga u hekk kif bdew jirrealizzaw x'kienet verament il-hajja mizzewwga, bdew jibzghu. Il-konvenut ighid illi huwa ma riedx ikollu tfal peress illi rrealizza illi bejniethom ma kienx hemm relazzjoni soda. Fir-relazzjonijiet sesswali ta' bejniethom wara z-zwieg, huma dejjem hadu l-prekawzzjonijiet kollha biex ma jkollhomx tfal u wzaw ukoll il-metodu tas-*safe period.*

Illi dwar id-dar matrimonjali, il-konvenut ighid illi din qatt ma tlestiet u wara z-zwieg huma marru jghixu mal-genituri ta' l-attrici. Meta mbaghad waslu ghas-separazzjoni, huma kienu qablu fuq kollox f'qasir zmien u wara li kienet mietet iz-zija tieghu, huma kienu nfirdu minghajr problemi.

Illi l-konvenut ighid illi meta zzewwgu huwa kellu sitta u ghoxrin (26) sena filwaqt li l-attrici kellha dsatax-il (19) sena Huwa jghid illi jemmen bid-divorzju u jaqbel mieghu u kien ta' l-istess opinjoni anke qabel iz-zwieg.

## (B) PRINCIPJI LEGALI.

Illi mic-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg li gie ccelebrat bejnha u bejn il-konvenut fuq dak dispost fl-**artikolu 19(1) (d),(f) u (g) ta' l-Att taz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenut u thoss in vista ta' dak deciz kemm-il darba mill-qrati taghna, illi hija ma hijiex ezonerata milli tezamina u tevalwa l-provi migbura sabiex tassigura ruhha illi verament hemm bazi legali ghall-annullament mitlub. (ara sentenza **“Bernardette Debono, xebba Gauci vs Mario Debono”** (P.A. (VGD) 16 ta’ Settembru 1996, fost ohrajn).

Illi ghalhekk in vista ta' dan, din il-Qorti sejra l-ewwel tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap.255** liema artikolu jghid testwalment illi zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata

esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, il-Qorti taqbel ma dak li qalet il-perit legali fejn ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi prodotti:-

*"Illi qabel xejn ghandu jinghad illi dwar il-fatti ma jirrizultax illi hemm xi divergenza bejn il-partijiet. Anke x-xhud prodotta mill-attrici, li setghet tevalwa kollox b'mod oggettiv hekk kif rat il-fatti kif graw, bazikament tikkonferma dak illi jghidu l-kontendenti. Il-kontendenti zzewgu fis-16 ta' April 1993. Iz-zwieg ghalihom kien aktar avventura milli mpenn u kien b'din l-intenzjoni illi dahlu ghal dan il-kuntratt".*

*"Illi dan johrog car mill-hsibijiet li esprimew sahansitra minn qabel iz-zwieg kif ukoll wara. L-intenzjoni cara illi kellhom it-tnejn li huma biex iz-zwieg ma jorbothomx ghal hajjithom kollha, kif ukoll l-intenzjoni illi huma ma jkollhomx tfal hlief meta huma jkunu konvinti illi ma hemmx l-icken problema bejniethom, huma zewg fatturi illi jwaslu lill-esponenti tikkonkudi illi kien hemm eskluzjoni pozittiva mhux biss ta' xi whud mill-elementi essenzjali taz-zwieg innifsu izda sahansitra taz-zwieg bhala kuntratt u anke bhala sagrament. Ghall-attrici jidher illi z-zwieg kien biss forma ta' eskejpizmu jew ahjar mezz biex hija tehles mis-sikkatura, indhil u dixxiplina zejda tal-gendituri taghha, izda meta bdiet tirrealizza wara z-zwieg illi hi ma*

*kienet akkwistat xejn minn dak li hasbet allura riedet terga tiehu lura l-liberta` li xtaqet u l-kontendenti bdew ighixu hajja separata".*

Illi ghalkemm hawnhekk wiehed qieghed fil-kamp civili u mhux ekklessjastiku, il-Qorti madanakollu thoss li ma tistax ma tikkumentax fuq il-mod legger illi l-kontendenti dahlu ghal kuntratt taz-zwieg kif ukoll ghas-sagrament taz-zwieg, u l-prewkawzjonita' din il-Qorti hija li din il-haga m'hijiex haga rari skond kif jirrizulta minn numru konsiderevoli ta' koppji li qed jaghmlu dan il-pass b'mod mill-aktar legger.

Illi mic-certifikat taz-zwieg esebiet mac-citazzjoni jirrizulta illi l-kontendenti zzewgu bir-rit kattoliku wkoll u ghalhekk wrew ix-xewqa illi jidhlu ghaz-zwieg ukoll bhala sagrament. Izda fix-xhieda taghhom, l-ebda wiehed mill-partijiet ma jikkumenta dwar dan l-aspett taz-zwieg taghhom qisu dan ma kellu l-ebda mportanza ghalihom. L-uniku haga li kienu ippjanaw kien is-safar u d-divertiment.  L-ebda mpenn iehor ma kien jiswa ghalihom.

Illi ghal kontendenti jidher illi l-intenzjoni taghhom kienet illi l-ewwel zmien tal-hajja mizzewwga huma jghixuha *on probation*, imbaghad jekk ma jirnexxix allura kull wiehed jista' jaqbad trieqtu u jitlaq, kif fil-fatt gara. Qabel iz-zwieg ma sar l-ebda ippjanar fuq il-hajja matrimonjali futura ta' bejniethom, la f'dak li jirrigwarda l-aspett finanzjarju u lanqas rigward id-dar matrimonjali.  L-unika haga li jidher illi giet ippjanata, specjalment minn naha ta' l-attrici, kien it-tieg, il-libsa tat-tieg u l-*honeymoon*.  Il-futur taghhom bhala mizzewwgin sa dan il-punt kien jasal u xejn izjed. Dan certament ma jirravvizax ruhu f'dak rikjest mill-ligi biex jigi stabbilti l-kuntratt matrimonjali - dawk l-elementi ta' fedelta' w unita, permanenza u d-dritt ghall-att konjugali dirett lejn il-prokreazzjoni ta' l-ulied li jridu jkunu prezenti *ad validitatem* fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens matrimonjali. Sahansitra kien hemm ftehim espress bejn il-partijiet biex jigu eskluzi l-elementi tal-permanenza fil-konfront ta' l-obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga u tal-prokreazzjoni.

Illi dak li gara fil-hajja qasira taz-zwieg tal-kontendenti jikkonferma pjenament illi l-kunsens matrimonjali fil-kaz in dizamina kien gie simulat. Dar matrimonjali qatt ma tlestiet u lanqas kien hemm l-icken interess da parti tal-kontendenti biex ilestuha u jmorru jghixu flimkien fiha bhala familja. Mill-aspett finanzjarju, lanqas jidher illi kien hemm xi progetti ghall-futur fir-relazzjoni taghhom bhala koppja mizzewwga. Huma kienu jonfqu flushom kollha, fid-divertiment u xiri ta' oggetti materjali bhal hwejjeg u ikel barra. Fi kliem iehor huma baqghu jghixu l-istess hajja li kienu jghixu meta kienu ghadhom ma zzewgux.

Illi rigward it-tfal jidher illi huma baqghu ta' l-istess opinjoni, specjalment il-konvenut, u cioe' illi ma kien hemm l-ebda rieda jew xewqa da parti taghhom biex jibnu familja flimkien. F'dan ir-rigward il-perit legali rrilevat illi ghalkemm il-konvenut jidher illi qisu rabat din il-kwistjoni tat-tfal mal-kundizzjoni li z-zwieg tieghu jirnexxi, madanakollu hija hassitha konvinta li l-eskluzjoni ta' dan id-dover kien prezenti fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens matrimonjali ghaliex mill-provi migjuba jidher li l-partijiet donnhom qisu kienu jafu illi z-zwieg taghhom ma kienx ser jieqaf fuq saqajh gjaladarba huma diga` kienu qed jeskludu *a priori* l-karatterestika tal-permanenza ta' l-unjoni taz-zwieg. Fil-fatt l-attrici tghid illi meta bdew jiguha xi dubji qabel iz-zwieg dwar l-istabbilita' tar-relazzjoni taghhom, kien serrhilha rasha l-konvenut meta qalilha illi fl-eventwalita li z-zwieg ma jirnexxix allura huma jinfirdu u kull wiehed minnhom jsita jghix hajja separata. B'dan il-hsieb f'mohhu u bl-attitudni illi jidher illi l-konvenut ghandu lejn it-tfal, ma hemm l-ebda dubju li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien qed jeskludi l-possibilta` li f'din ir-relazzjoni matrimonjali huma kien ser ikollu l-ulied.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-istess konkluzjonijiet peritali anke ghaliex dan huma bbazati kollha kemm huma fuq il-provi prodotti, li jidher minnhom li ma kien hemm l-ebda legami bejn il-partijiet, izda biss hsieb li jghixu flimkien sakemm ihosshuha fiha li jaghmlu dan, u jekk allura din il-konvivenza taghhom ma tirnexxix,

kwazi ftehmu minn qabel li kull wiehed u wahda jmorru ghar-rashom.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi migbura l-Qorti hija konvinta illi:-

1. Il-kontendenti eskludew iz-zwieg fit-totalita’ tieghu in vista tal-mod legger kif dahlu ghal kuntratt taz-zwieg li kien ibbazat aktar fuq relazzjoni ta' hbiberija u attrazzjoni sesswali, aktar milli mhabba, u mpenn reciproku. Fil-fatt qatt ma kien hemm hajja matrimonjali bejn il-kontendenti in vista tal-fatt illi fl-ewwel lok wara qasir zmien ir-relazzjoni taghhom sfaxxat fix-xejn u fit-tieni lok illi anke matul iz-zwieg huma bdew ighixu hajja ta' persuni separati.

2. Illi ghalhekk subordinatament, il-kontendenti eskludew b'mod pozittiv l-element tal-permanenza ta' l-unjoni taz-zwieg taghhom. Il-konvenut anke jiddikjara li huwa dahal ghal kuntratt taz-zwieg bl-idea li hemm possibilta` ta' separazzjoni u anke jekk ikun il-kaz ta' divorzju tant li *"Jiena nemmen bid-divorzju u naqbel mieghu u kelli din l-istess opinjoni anke qabel iz-zwieg."*

3. Il-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kellu l-hsieb deciz li jcahhad lill-attrici mid-dritt ghall-att konjugali ordinat ghal prokreazzjoni. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-attrici da parti taghha accettat iz-zwieg b'dan il-mod u ghalhekk f'certu sens wiehed jista’ jghid li anke hi dahlet ghaz-zwieg b'dan il-hsieb f'mohhha ghalkemm dan ma jirrizultax b’mod espress mill-provi, pero’ fl-opinjojni ta’ din il-Qorti, jirrizulta li l-istess attrici qatt ma kkontestat dan. Ix-xhud Rose Carter fil-fatt tghid hekk fil-konfront tal-kontendenti:- *"It-tfal zgur ma kenux priorita ghalihom."*

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tidhol biex tezamina l-kawzali l-ohra migjuba mill-attrici fic-citazzjoni taghha u tikkonkludi illi z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1993, huwa null u bla effett skond il-ligi skond id-

dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1993 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2002**